**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 02 ta' Frar, 2017**

**Rikors Guramentat Nru: 174/2012 AF**

**Michael Debono u wliedu Mario Debono, Anthony Debono**

**vs**

**Sandro Attard u Charlene Micallef**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat tal-atturi li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

L-atturi huma l-proprjetarji ta' garage internament immarkat bin-numru 1 u l-attur Anthony Debono wahdu huwa proprjetarju ta' garage internament immarkat numru 2 li huwa appogg mal-garage fuq imsemmi numru 1, liema zewg garaxxijiet jifformaw parti minn korp ta' garaxxijiet li ghandhom entratura minn Triq is-Simblija, Naxxar bin-numru 27A, li huma sottosposti ghall-parti tal-fond soprastanti numru 29, Triq is-Simblija, Naxxar, proprjetà tal-intimati.

L-intimati ma zammewx il-bitha taghhom fi stat tajjeb tant illi qed jipperkola ilma u umdità mis-saqaf u qed jikkawzaw hsara

fl-istess saqaf u anke fil-hitan sottostanti u dan bi pregudizzju u dannu ghar-rikorrenti fil-garaxxijiet imsemmija.

L-intimati interpellati sabiex jaghmlu x-xogholijiet rimedjali baqghu inadempjenti.

Inoltre, l-istess intimati akkwistaw il-proprjetà minghand ir-rikorrenti Michael Debono u allura martu Mary Debono permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Pierre Falzon tas-16 ta' Awwissu 2008 u a tenur tal-istess kuntratt huwa stipulat illi "*the facade of the maisonette must be kept uniform with the other facades including the apertures and outer door*" u li "*the maintenance of the facade of this maisonette must be done with the rest of the block*".

L-atturi huma is-sidien tal-art 'l barra mill-hajt estern tal-proprjetà tal-intimati u cioè dik il-parti li tigi quddiem t-tieqa fuq in-naha tal-Punent tal-istess proprjetà u nonostante l-premess u l-opposizzjoni tal-esponenti, l-intimati poggew hadid barra wahda mit-twieqi, liema hadid jisporgi fuq l-arja li hija proprjetà tal-esponenti u inoltre, l-istess hadid mhuwiex in konformi ma dak li gie pattwit fl-istess kuntratt.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara li l-intimati mhux qed izommu l-bitha taghhom fi stat tajjeb ta' riparazzjoni u ghalhekk li hemm bzonn isiru xogholijiet rimedjali fl-istess bitha.

2. Tiddikjara li l-intimati li m'ghandhomx dritt jaghmlu l-hadid mal-hajt estern li jigi 'l barra mit-tieqa esterna fuq imsemmija tal-fond numru 29, Triq is-Simblija, Naxxar.

3. Tiddikjara li l-intimati huma responsabbli ghad-danni sofferti u li ghad jistghu isofru fil-garaxxijiet internament immarkati numru 1 u 2 li jifformaw parti mill-kumpless ta' garaxxijiet 27A, Triq is-Simblija, Naxxar ghar-ragunijiet premessi.

4. Tillikwida l-istess danni u dan jekk hemm bzonn permezz ta' opra ta' periti nominandi.

5. Tikkundanna lill-intimati sabiex ihallsu d-danni hekk likwidati.

6. Tikkundanna lill-intimati sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi lilhom prefiss jaghmlu x-xogholijiet rimedjali fil-bitha fuq imsemmija u sabiex inehhu l-hadid minn mal-faccata tal-bini u fin-nuqqas, tawtorizza lill-esponenti li jaghmlu x-xogoholijiet rimedjali huma stess u dan ghas-spejjez tal-istess intimati.

Bl-ispejjez kontra l-intimati li minn issa huma ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuti li permezz tagħha eċċepew illi:

In kwantu ghal ewwel (1) u tielet (3) talba attrici, dawn ghamhom jigu michuda u dan stante illi l-atturi fir-rikors guramentat taghhom talbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tiddikjara illi l-intimati mhux qed izommu l-bitha taghhom fi stat tajjeb ta' riparazzjoni. Illi l-atturi qeghdin jibbazaw t-tezi taghhom a bazi ta' rapport mhejji mill-Perit Etienne Magri datat 17 ta' Mejju 2011. Illi fir-rapport tal-istess Perit, ma hemm xejn indikat illi l-bitha ma hix fi stat tajjeb ta' riparazzjoni u ghalhekk dawn it-talbiet huma infondati u bbazati unikament fuq pika minn naha tal-atturi fil-konfront tal-esponenti u dan kif ser jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Minghajr pregudizzju ghas-suespost, kuntrarjament ghal dak indikat fir-rikors guramentat, l-esponenti ghandhom l-bitha fi stat tajjeb ta' riparazzjoni u ghalhekk isegwi illi jekk l-atturi sofrew xi danni fil-garaxxijiet internament immarkati numru 1 u 2 u li jiffurmaw parti mill-kumpless ta' garaxxijiet 27A, Triq is-Simblija, Naxxar dan mhux minhabba l-agir tal-esponenti u ghalhekk l-istess esponenti ma ghandhomx jinzammu responsabbli minn din l-Onorabbli Qorti tal-ebda danni.

In kwantu ghat-tieni (2) talba attrici, din ukoll ghandha tigi respinta u dan stante illi l-hadid li l-esponenti poggew ma' tieqa, ma tisporgix bl-ebda mod fuq l-arja tal-atturi izda hija internament fil-proprjetà tal-esponenti.

Minghajr pregudizzju ghas-suespost, mhux minnu dak indikat fir-rikors guramentat odjern li l-esponenti ma ghandhomx dritt li jwahhlu l-imsemmija hadida anzi l-esponenti talbu ghal permess tal-atturi qabel ma wahhlu l-hadida mat-tieqa, liema permess l-atturi tawh lill-esponenti u sahansitra taw ukoll struzzjonijiet specifici tal-istil tal-hadida li kellha titwahhal liema struzzjonijiet l-esponenti mxew fuqhom u dan kif ser jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.  Ghalhekk anke din it-talba tal-atturi ghandha tigi michuda minn din l-Onorabbli Qorti.

Din il-kawza hija biss motivata minn pika u vendikazzjoni u dan wara li l-atturi nstabu hatja mill-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta) talli hadu l-ligi f'idejhom meta huma qabdu u qalghu l-hadida minn ma' tieqa tal-esponenti minghajr permess jew awtorizzazzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza.  Ghalhekk isegwi illi t-talbiet attrici huma infondati kemm fil-fatt u kemm fid-dritt u ghandhom jigu lkoll michud minn din l-Onorabbli Qorti bl-ispejjez kontra l-attur.

Isegwi inoltre, li ma hemmx danni x'jigu likwidati favur l-atturi u ghalhekk l-eccipjenti m'ghandhomx jigu kkundannati ihallsu danni.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra l-atturi li minn issa huma ingunti in subizzjoni.

Semgħet ix-xhieda prodotti.

Rat illi fl-udjenza tal-25 ta' Ġunju 2013 din il-Qorti ħatret lill-Perit Mario Axisa bħala perit tekniku.

Rat ir-relazzjoni tal-perit tekniku.

Rat it-tweġibiet tal-perit tekniku għad-domandi in eskussjoni tal-partijiet.

Semgħet it-trattazzjoni finali tal-atturi.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat illi permezz ta' din il-kawza l-atturi qegħdin jitolbu lill-Qorti tiddikjara li l-konvenuti m'humiex qegħdin iżommu l-bitħa tagħhom fi stat tajjeb ta' riparazzjoni kif ukoll illi l-konvenuti m'għandhomx dritt illi jagħmlu ħadid mal-ħajt estern tal-proprjetà tagħhom għaliex dan jisporġi fuq l-arja tal-proprjetà tal-atturi. Konsegwentement, huma qegħdin jitolbu lill-Qorti tillikwida d-danni sofferti minnhom minħabba tali aġir tal-konvenuti. Jitolbu wkoll sabiex il-konvenuti jiġu kundannati jneħħu l-imsemmi ħadid u jagħmlu xogħlijiet ta' tiswija neċessarja fl-imsemmija bitħa.

Il-konvenuti jeċċepixxu li m'huwiex minnu li l-bitħa tagħhom mhux qiegħda tinżamm fi stat tajjeb ta' riparazzjoni u li d-danni li qed isoffru l-atturi ma ġewx ikkawżati bl-aġir tagħhom. Jgħidu wkoll li l-ħadid in kwistjoni ma jisporġix fuq l-arja tal-proprjetà tal-atturi u li fi kwalunkwe każ huma talbu permess qabel wahhlu dan il-ħadid. Huma jeċċepixxu wkoll illi din il-kawża hija motivata minn pika u vendikazzjoni da parti tal-atturi minħabba disgwid li nqala' bejn il-partijiet dwar it-twaħħil tal-imsemmi ħadid.

Mill-provi prodotti jirriżulta illi l-konvenuti huma sidien ta' *elevated ground floor maisonette* bin-numru 29, Triq is-Simblija, Naxxar. L-atturi huma proprjetarji ta' żewġ garaxxijiet li jinsabu sottostanti għall-proprjetà tal-konvenuti kif ukoll tal-arja tal-blokka bini bl-isem ta' 'Golden Nugget Court' f'liema blokka bini jinsabu il-proprjetajiet imsemmija appartenti lill-partijiet. Il-konvenuti akkwistaw il-proprjetà tagħhom mingħand l-attur Michael Debono u martu Mary Debono permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Pierre Falzon datat 16 ta' Ottubru 2008. F'dan il-kuntratt hemm miktub illi

'*the facade of the maisonette must be kept uniform with the other facades including the apertures and outer door.*'

L-atturi jgħidu li l-*maisonette* nbiegħ lill-konvenuti fi stat ta' ġebel u saqaf iżda jirriżulta li qabel il-bejgħ l-atturi kienu ħadu ħsieb illi jagħmlu l-*membrane* fil-bitħa ta' dan il-*maisonette* kif jikkonferma l-attur Michael Debono fl-affidavit tiegħu. L-atturi jkomplu billi jgħidu li l-konvenuti kienu waħħlu l-madum fil-bitħa ftit taż-żmien wara li ġie ffirmat il-kuntratt iżda dan il-madum inqala' u twaħħal mill-ġdid u minn dak iż-żmien beda jipperkola l-ilma għal taħt il-madum b'dan illi qiegħed jikkawża ħsara fis-soqfa tal-garaxxijiet proprjeta tal-atturi. L-atturi jsostnu li dan ġara minħabba l-fatt illi meta l-konvenuti qalgħu l-madum tal-bitħa, ix-xogħol sar permezz ta' *chaser* li għamel ħsara lill-*membrane*. Fir-rigward tal-ħadid li twaħħal mat-tieqa, l-atturi jgħidu li dan twaħħal fl-arja tal-proprjetà tagħhom mingħajr permess.

Il-konvenuti jispjegaw illi wara li twaħħal il-madum l-ewwel darba nqalgħu madwar tmien madumiet mill-bitħa sabiex jiġi rettifikat difett fil-qlib tal-madum. Huma jgħidu li ma ntuża l-ebda *chaser* sabiex inqalgħu dawn il-madumiet iżda ntuża *grinder* b'diska żgħira li ċertament ma kkawżax ħsara fil-*membrane*. Huma jgħidu wkoll illi kienu ġibdu l-attenzjoni tal-atturi li l-*membrane* ma kienx twaħħal skont is-sengħa u l-arti. Il-konvenuti jinsistu li din il-kawża hija nstigata minn pika bejn il-partijiet minħabba kwistjoni li nqalgħet dwar il-ħadid li twaħħal mat-tieqa tal-proprjetà tagħhom.

L-atturi jibbażaw l-azzjoni tagħhom fuq il-premessa li d-danni li huma qegħdin isofru huma kawża tan-nuqqas tal-atturi li jżommu l-bitħa tagħhom fi stat tajjeb ta' riparazzjoni. Mill-provi rriżulta li b'dan l-atturi riedu jfissru li bix-xogħlijiet li għamlu l-konvenuti fil-bitħa tagħhom meta qalgħu u reġgħu waħħlu parti mill-madum ġiet ikkawżata ħsara fil-*membrane* u dan qiegħed iwassal għall-ingress ta' ilma fil-proprjetà tagħhom li hija sottostanti għall-bitħa tal-konvenuti.

Il-perit tekniku, wara li żamm aċċess fuq il-post u ħa konjizzjoni tal-ilmenti tal-atturi, wasal għas-segwenti konklużjonijiet:

1. *'Il-fatt li hemm diversi tbajja mifruxin mas-saqaf tal-garaxx numru 1 jindika perkolazzjoni ta' l-ilma minn diversi sorsi, bl-aktar wieħed sostanzjali jidher li qed joriġina mill-bitħa ta' l-intimati.*
2. *Il-firxa tat-tbajja tagħti wieħed x'jifhem illi l-kwalità tal-'waterproofing membrane' jew tat-tqegħid tiegħu setgħet kienet difettuża.*
3. *Il-qies tat-tebgħa taħt il-bitħa ta' l-intimati tagħti wieħed x'jifhem li jew il-'waterproofing membrane' tqiegħed ħażin, jew inkella saritlu xi ħsara matul iż-żmien.*
4. *Is-sistema ta' 'waterproofing' li ntużat hija komuni ħafna, u tiffunzjona tajjeb fit-tejorija. Madanakollu ma tiddisponix mill-ilma, u għaldaqstant jiżdied ir-risku li difetti fis-sistema jirriżulta f'perkolazzjoni. Il-preżenza ta' kontrabejt, bħal dik użata fil-bjut, tindirizza din il-problema.*
5. *Il-fatt li l-'waterproofing membrane' ma ġiex imħaxken fil-ħajt ikkontribwixxa biex il-ħitan tal-ġaraxxijiet numri 1 u 2 ixxarbu, u eventwalment ittebbgħu.*
6. *L-esponent jikkonsidra li s'issa ma hemmx indikazzjoni li saret xi ħsara strutturali fil-ħitan jew soqfa tal-garaxxijiet ikkonċernati, u li din hija limitata biss għal tiswijiet fil-kisi u żebgħa.*
7. *Għar-rigward tal-ħadida mqiegħda quddiem it-tieqa, l-esponent jikkonferma illi din twaħħlet fil-ħxuna tal-ħajt, u li għaldaqstant ma tisporġix barra minnu. Qed jiġi nnutat ukoll illi l-għamla tagħha tirrispekkja d-disinn tal-bqija tal-ħadid li hemm fil-faċċata tal-blokk.'*

Dwar il-kunsiderazzjonijiet li l-Qorti għandha tagħti lir-rapport peritali, il-Qorti tirreferi għas-sentenza fl-ismijiet Carmel Vella vs Victor Sammut, deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-18 ta' Frar 2004 fejn intqal hekk:

> *"Issa huwa paċifiku f'każijiet ta' din ix-xorta illi l-ġudizzju tal-Qorti kellu neċessarjament ikun bażat fuq l-opinjoni teknika tal-perit nominat minnha. Dan aktar u aktar fejn il-parti nteressata ma tkunx ipprevaliet ruħha mill-fakoltà lilha konċessa b'talba għan-nomina ta' periti addizzjonali.*

*Ara "Giswarda Bugeja et -vs- Emmanuele Muscat et", Appell Civili, 23 ta' Gunju 1967*."

Fit-tweġibiet tiegħu għad-domandi in eskussjoni tal-partijiet, il-perit tekniku jerġa jikkonferma l-konklużjonijiet tekniċi li wasal għalihom fir-relazzjoni tiegħu. Din il-Qorti, fliet bir-reqqa kemm ir-relazzjoni tal-perit tekniku kif ukoll it-tweġibiet tiegħu għad-domandi in eskussjoni u ma ssib l-ebda raġuni għaliex dawn il-konklużjoniet għandhom jiġu skartati u għaldaqstant, qiegħda tadotta u tagħmel tagħha l-istess konklużjonijiet.

Mill-provi prodotti inkluż il-konklużjonijiet tal-perit tekniku, il-Qorti m'hijiex sodisfatta mqar fuq bażi ta' probabbiltà li kien l-aġir tal-konvenuti li wassal għall-perkolazzjoni ta' ilma li qiegħed jikkawża danni lill-atturi.

Kif jispjega l-perit tekniku huwa naturali li ammont ta' ilma ser jipperkola minn taħt il-madum u għalhekk huwa importanti li wieħed jieħu l-prekawzjonijiet neċessarji bħal tqegħid ta' *membrane* taħt il-madum kif fil-fatt ħadu ħsieb illi jagħmlu l-atturi. Jirriżulta f'dan il-każ li l-*membrane* in kwistjoni m'huwiex jaqdi l-funzjonijiet tiegħu, iżda il-Qorti qiegħda tifhem ukoll illi huwa diffiċli ħafna li wieħed jistabilixxi x'wassal għal dan mingħajr ma jinqala l-madum.

Fl-udjenza tat-8 ta' Ottubru 2014 il-perit tekniku jispjega li ma jistax jiġi eskluż la li saret ħsara fil-*membrane* minħabba xogħlijiet li saru mill-konvenuti sabiex reġa sar l-madum u lanqas li l-*membrane* huwa minnu difettuż jew twaħħal ħażin u dan minħabba l-mod kif inhuma mifruxin it-tbajja mas-soqfa tal-garaxxijiet tal-atturi. Il-Qorti kkunsidrat illi fi ftit kliem, kif diġa ngħad, il-konklużjoni tal-perit tekniku hija li huwa diffiċli ħafna li wieħed ikun ċert minn fejn hi ġejja l-problema mingħajr ma jinqala l-madum.

Il-perit tekniku jispjega li huwa possibli li l-ħsara fil-*membrane* ġiet ikkawżata mix-xogħlijiet li għamlu l-konvenuti fuq il-madum, iżda l-possibbiltà biss li ġara hekk m'huwiex biżżejjed sabiex tikkonvinċi l-Qorti mqar fuq bażi ta' probabbiltà li kien l-aġir tal-konvenuti li wassal sabiex issir ħsara fil-*membrane* jew li b'xi mod ieħor kienu l-konvenuti li kkontribwew għall-ħsara li

qegħdin isofru l-atturi. Il-Qorti ma tistax fiċ-ċirkostanzi ssib lill-konvenuti responsabbli għad-danni kif qegħdin jitolbu l-atturi u dan minkejja li l-atturi jgħidu li din il-ħsara, u ċjoe l-umdità kkawżata mill-perkolazzjoni tal-ilma, bdiet toħroġ biss wara li l-konvenuti qalgħu u reġgħu waħlu l-madum.  Lanqas ma hija biżżejjed l-allegazzjoni tal-atturi li l-ħsara ġiet ikkaġunata mill-konvenuti minħabba t-tip ta' għodda li ntużat sabiex inqala' l-madum.  Il-konvenuti dejjem ċaħdu li ntuża *chaser* sabiex saru x-xogħlijiet jew li huma kkawżaw xi ħsara fil-*membrane*.  Il-fatt waħdu li saru dawn ix-xogħlijiet jew li ntużaw għodda li setgħu għamlu ħsara ma jwassalx għall-konklużjoni li l-ħsara neċessarjament ġiet ikkawżata mill-konvenuti.  L-atturi ma ressqu l-ebda prova oġġettiva li twassal għall-konklużjoni li kienu l-atturi li għamlu ħsara fil-*membrane* u lanqas il-perit tekniku ma seta' jasal għal din il-konklużjoni.  Għalhekk, in-ness ta' kawża u effett bejn l-aġir tal-konvenuti u d-danni kkawżati lill-atturi hija nieqsa.

B'żieda ma dan, il-Qorti ma tistax tinjora l-ewwel konklużjoni tal-perit tekniku fis-sens illi l-ħsara hija mifruxa mas-soqfa tal-garaxxijiet proprjetà tal-atturi u li dan il-fatt jimmilita favur il-konklużjoni li l-*membrane* innifsu huwa difettuż jew ma tqegħidx skont is-sengħa u l-arti.  L-unika nuqqas da parti tal-konvenuti li seta' jikkonstata l-perit tekniku kien illi f'ċertu postijiet il-*membrane* tħalla jinqala minn mal-ħajt iżda minn imkien ma jirriżulta mill-konklużjonijiet tal-perit tekniku li l-ingress tal-ilma li qiegħed jagħmel ħsara fis-soqfa tal-proprjetà tal-atturi huwa riżultat ta' dan.

F'dan il-każ huwa opportun li ssir riferenza għas-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet Carmelo Farrugia et vs Victor Conti deċiża fid-9 ta' Ottubru 2003 fejn ingħad proprju hekk:

> "*Mill-indagini li ghamel il-perit tekniku, gie ivverifikat li min naha tal-fond tal-atturi fejn hemm irqajja ta' umdità, l-atturi m'ghandhom ebda servizzi jew spazji miftuha illi minnhom setghet tipprovjeni din l-umdità. Minn naha l-ohra, il-konvenut, fuq in-naha l-ohra tal-hajt, ghandu shaft u kamra tal-banju, bil-banju addassat ma' dal-hajt divisorju. Fil-fehma tal-perit tekniku dan jindika li l-umdità*

*kellha l-provenjenza taghha min-naha tal-fond tal-konvenut.*

*Din il-Qorti ma jidhirlix li ghandha tikkondividi din il-konkluzzjoni tal-perit tekniku, u dan peress li biex tirrizulta responsabbilità ghall-hsara, irid ikun hemm ness ta' kawza u effett, u dan in-ness irid jigi pruvat minn min qed jallega li qed isofri danni (ara sentenzi riportati fil-Vol. XLI.I.800, XXVI.I.687 u XLII.I.517). Il-fatt biss li l-konvenut ghandu kamra tal-banju mal-hajt komuni, ma jfissirx li hu ghandu jitqies responsabbli ghall-umdità li fegghet in-naha l-ohra tal-hajt. Kif qalet l-Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza "Sciortino vs Camilleri", deciza fil-31 ta' Lulju, 1996, il-fatt li l-konvenut, fuq in-naha tieghu tal-hajt divizorju, ghamel xi xoghol, u wara, harget l-umdita' fuq in-naha l-ohra tal-istess hajt, ma jfissirx li l-konvenut hu responsabbli ghal dik l-umdità, fin-nuqqas ta' prova li kienu dawk ix-xogholijiet li kkawzaw l-umdita'. Hekk ukoll din il-Qorti, fil-kawza "Bennie vs Micallef", deciza fil-5 ta' April, 1991, kienet osservat li, "Il-fatt biss li l-umdità harget wara li bena l-konvenut ma jfissirx necessarjament li l-konvenut ghamel xi xoghol hazin li kkaguna l-umdità fil-proprietà tal-attur", u fin-nuqqas ta' prova tan-ness bejn ix-xogholijiet li saru mill-konvenut u l-umdità fil-fond tal-attur, din il-Qorti ma sabitx lill-konvenut responsabbli."*

Fil-każ fejn persuna tallega li tkun ġarrbet ħsara minħabba ghemil jew l-omissjoni tal-parti l-oħra, jeħtieġ li min jallega li ġarrab dannu jipprova kemm l-att jew l-omissjoni tal-persuna mixlija bir-responsabbilta' ta' dak l-ghemil jew ta' dik l-omissjoni, u kif ukoll li d-danni mġarrba huma l-effett konsekwenzjali ta' dak l-għamil jew ta' dik l-omissjoni (Giovanni Vella et vs Michael Cilia, deċiża mill-Qorti tal-Appell Inferjuri fit-23 ta' Ġunju 2004).

Kif qalet il-Qorti tal-Appell Inferjuri fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Carmelo Saydon vs Anthony Bonavia tal-4 ta' Ottubru 2006:

*"Tibqa' esiġenza tad-dritt probatorju li tqiegħed a karigu ta' min jallega fatt illi jġib 'il quddiem prova dimonstrattiva tiegħu għall-konvinċiment tal-ġudikant."*

Fis-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet Gaetana Mamo vs Therese Mercieca et tas-26 ta' Ottubru 2005, il-Qorti qalet hekk:

*"In bazi ghad-dritt probatorju, kull parti ghandha f' kaz bhal dan id-dmir li taghti prova ta' l-ezistenza tal-fatt allegat, favorevoli ghat-tezi taghha. L-oneru hu distribwit b'mod li l-attrici trid tipprova l-fatti kostituttivi tad-dritt azzjonat minnha ("actori incumbit probatio") mentri l-konvenuti huma tenuti jipprovaw il-fatt minnhom allegat kostitwenti l-kontroprova offerta biex tikkuntrasta il-pretiza ta' l-attrici ("reus in excipiendo fit actor"). Ara Kollez. Vol. XLVI P I p 5. Naturalment, il-piz probatorju tal-konvenuti jinsorgi konkretament fil-kaz biss li l-attrici tkun ressqet prova tal-fatti posti bhala bazi tad-domanda taghha. Dan ghaliex in-nuqqas jew insufficjenza tal-prova tac-cirkostanzi dedotti mill-konvenuti biex tikkonfuta l-pretensjoni ta' l-attrici ma jiddispensax lil din mill-oneru li tiddemostra adegwatament il-legittimità u l-fondatezza tal-meritu tat-talba taghha."*

Hekk ukoll kif ingħad mill-Qorti tal-Appell Inferjuri fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Kenneth Cassar vs Samy El Saghtir tat-23 ta' Novembru 2005:

*"Huwa indubitat illi min irid jivvalora dritt li jippretendi li ghandu jehtieglu jipprova l-fatti li jikkostitwixxu l-fondament ta' dak l-istess dritt. Dan fis-sens illi jinkombi bi dmir fuq il-parti li tallega fatt favorevoli ghaliha li taghti prova ta' l-ezistenza tal-fatt. Skond id-dritt probatorju, il-karattru favorevoli tal-fatti allegati huwa kriterju ta' distribuzzjoni ta' l-oneru tal-provi. Dan kemm jekk il-fatti jikkostitwixxu l-bazi tad-dritt azzjonat ("actori incumbit probatio") u sija jekk il-fatti jingiebu a bazi ta' l-eccezzjoni tal-konvenut biex jikkontrastaw l-pretiza ta' l-attur ("reus in excipiendo fit actor"). Huma dawn ir-regoli legali ta'*

*gudizzju li jikkonsentu lill-gudikant japproda ghal decizjoni fil-meritu."*

L-istess Qorti, fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Korporazzjoni Enemalta vs Joseph Vassallo et tas-17 ta' Ottubru 2008, qalet hekk:

*"Fil-fehma ponderata ta' din il-Qorti dawn huma kollha sitwazzjonijiet ipotetici li fl-ebda mod ma jiskossaw il-punt bazilari illi min jallega jrid jipprova. Dan permezz ta' prova li, f'kazijiet ta' din ix-xorta, trid twassal biex, b'mod adegwat u konvincenti, tikkreja n-ness ta' kawzalità ta' fatt bejn il-kondotta ta' l-agent u l-event dannuz. Hu, wara kollox, il-kardini tas-sistema tar-responsabilità extrakontrattwali, jew akwiljana, illi ghad-danni kawzati lil terzi huwa l-awtur tal-lezjoni li ghandu jwiegeb ghar-rizarciment ta' dawn l-istess danni li mill-att jew fatt jidderivaw.*

*Maghdud dan, il-gudikant, li ghandu l-kompitu li jistabilixxi s-sussistenza ta' dak l-istess ness kawzali, ma jistax jirrikorri la ghal spekulazzjonijiet dwar min seta' kien l-awtur tad-dannu, u lanqas ghall-intwizzjoni proprja, anke jekk, talvolta, din tkun bazata fuq il-logika. Huwa ghandu, inveci, ghall-accertament ta' dak l-istess ness jevalwa l-elementi kollha tal-fattispeci ghall-iskop li jistabilixxi, b'mod objettiv u fil-konkret, il-fatt li jkun ipproduca l-hsara u, konsegwentement, l-awtur li dak l-istess fatt ikun giebu fis-sehh."*

Finalment, fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Joseph Attard vs Joseph Xerri tat-12 ta' Lulju 2007, il-Qorti tal-Appell Inferjuri irriteniet illi:

*"Tajjeb li jigi mfakkar illi l-kwalifikazzjoni tad-deduzzjoni probatorja bhala oggett ta' "oneru" iggib maghha bhala konsegwenza illi l-inadempiment jew il-falliment taghha titraduci ruhha fi zvantagg ghal min hu hekk gravat b' dan il-piz. Dan ghal raguni illi l-fatt favorevoli minnu allegat jithalla fi stat ta' incertezza u tali qaghda tissarraf f'dannu ghalih."*

Applikati dawn il-prinċipji għall-kawża tal-lum, il-Qorti ssib li l-konvenuti m'għandhomx jiġu kkundannati jagħmlu tajjeb għall-ħsarat fil-garaxxijiet in kwistjoni u lanqas li jagħmlu xogħlijiet ta' riparazzjoni fil-*membrane*, għaliex ma ġiex ipprovat għas-sodisfazzjoni tal-Qorti li l-ħsara fil-*membrane* ġiet ikkawżata mill-aġir tal-konvenuti jew persuni inkarigati minnhom, kif lanqas ma jirriżulta li l-ingress tal-ilma huwa riżultat ta' nuqqas tal-konvenuti li jżommu l-bitħa tagħhom fi stat tajjeb ta' riparazzjoni.

Fir-rigward tal-kwistjoni tal-ħadid li twaħħal mill-konvenuti mat-tieqa tal-proprjeta tagħhom, il-Qorti ftit li xejn għandha xi żżid mal-konklużjonijiet tal-perit tekniku fis-sens illi din it-tieqa ma tisporġix fuq l-arja tal-proprjeta tal-atturi. Mir-ritratti eżebiti huwa ċar illi dan il-ħadid m'huwiex qiegħed itellef lill-atturi mit-tgawdija tal-proprjeta tagħhom u jirriżulta wkoll kif tajjeb josserva l-perit tekniku li l-għamla ta' dan il-ħadid jirrispekkja d-disinn tal-bqija tal-ħadid li hemm fil-faċċata tal-binja. Għaldaqstant, it-talbiet attriċi relatati ma dan il-ħadid ukoll qegħdin jiġu miċħuda.

Għar-raġunijiet premessi, l-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad it-talbiet attriċi bl-ispejjeż kontra tagħhom.

IMHALLEF

DEP/REG